

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9260 — PSP/Allianz/Greystar/Paul Street East)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2019/C 68/10)

1. Fl-14 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Public Sector Pension Investment Board ("PSP", il-Kanada);
- Allianz Real Estate Investments S.A. ("Allianz", il-Lussemburgu), li tappartjeni għall-Allianz Group (il-Ġermanja);
- Greystar Real Estate Partners, LLC ("Greystar", l-Istati Uniti tal-Amerika);
- Paul Street East ("Paul Street East", ir-Renju Unit).

PSP, Allianz u Greystar jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontrolli konġunt ta' Paul Street East kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- PSP: Il-ġestjoni tal-investment tal-kontribuzzjonijiet netti tal-fondi tal-pensjonijiet tas-Servizz Pubbliku Federali Kanadiż, tal-Forzi Armati Kanadiżi, tal-Pulizija tal-Kavallerija Rjali tal-Kanada u tal-Forza ta' Riżerva. Il-PSP tiġġes-tixxi portafoll diversifikat li jinkludi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti fekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat;
- Allianz: parti mill-Allianz Group, fornitur multinazzjonali tas-servizzi finanzjarji li huwa attiv madwar id-dinja kollha fin-negozju tal-assikurazzjoni u l-ġestjoni tal-assi;
- Greystar: tiżviluppa, takkwista u tiġġes-tixxi proġetti ta' kiri ta' djar u portafolli għaliha nfusha u fisem diversi investituri istituzzjonali, tal-ġid sovrani u privati.
- Paul Street East: proprjetà tal-akkomodazzjoni tal-istudenti li tinsab f'Londra, ir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9260 — PSP/Allianz/Greystar/Paul Street East

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
